# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 112/2015

113/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Johan J. Fenech)**

**vs**

**Ivan Bajada (112/2015)**

**Clare Borg (113/2015)**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Ivan Bajada detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 381275M u Clare Borg detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 376997M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Frar 2003 u matul l-ahhar granet qabel dina d-data:

1. Kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollohom d-droga fil-pusses taghhom dina d-droga, u naqasu li jipprovaw li d-droga msemmija kienet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali taghhom.

Ivan Bajada ukoll wahdu ukoll talli:

2. Kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat. Dr. N. Cuschieri) fid-9 t'Ottubru, 2001.

Clare Borg  wahidha ukoll talli

3. saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (awla 13) tat-8 ta' Mejju, 1997.

Il-Qorti kienet  mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordnalhom ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Frar, 2015, li biha:

Sabet lil Ivan Bajada hati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta setghet tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament kellu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja; Sabet lill-appellant hati ukoll tat-tieni imputazzjoni, u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation u trattat mieghu billi rrevokat l-ordni ta' probation maghmul f'dik is-sentenza u ikkundannatu ghal multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), pagabbli b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00) u f'kaz li jonqos li jhallas pagamaent wiehed, il-bilanc ikun konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00). Ordnat ukoll l-konfiska tal-ammont ta' tlett mija u tletin Euro u seba' u sebghin centezmu (€330.77) – ekwivalenti ghal mija u tnejn u erbghin Liri Maltija (Lm142) – misjuba mill-Pulizija fuq il-persuna tieghu;

Sabet ukoll lill-Clare Borg hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatha ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), pagabbli b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00) u f'kaz li tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc ikun konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00);

Il-Qorti ordnat lill-appellanti ihallsu nofs (½) kull wiehed tal-ammont ta' €284.66 rapprezentant l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pagabbli fi zmien sitt (6) xhur , b'dan li jekk jonqsu li jhallsu dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc ikun dovut minnufih u jkun konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00);

Rat ir-rikorsi tal-appell ta' Ivan Bajada (112/2105) u dak ta' Clare Borg (113/2015) pprezentati fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2015, li permezz taghhom talbu illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjarahom mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u tilliberahom skond il-Ligi. B'mod alternattiv, l-appellanti talbu r-riforma tas-sentenza appellata billi thassaraha f'dik il-parti tal-piena u billi minflok timponi piena jew sanzjoni ohra li tkun ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti Ivan Bajada (Rikors 112/2015);

Rat l-aggravji tal-appellanti Clare Borg (Rikors 113/2015);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti adew lill-din il-Qorti b'zewg appelli separati minkejja li b'aggravji u talbiet identici, u ghalhekk dawn ser ikunu trattati flimkien;
2. Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jargumentaw illi s-sentenza moghtija kontra taghhom hija "unsafe and unsatisfactory" ghaliex il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni kienu jieqfu ferm 'il boghod mill-grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Dan l-aggravju ghalhekk jinnecessita ezami mill-gdid tal-provi, li ghandu ukoll jiswa ghall-aggravji l-ohra, sabiex din il-Qorti tiddeciedi jekk l-

ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

3. Isegwi ghalhekk *in primis*, rakkont tal-fatti li taw lok ghall-proceduri kontra l-appellanti fejn wara informazzjoni anonima, l-Pulizija kienu intercettaw lil Ivan Bajada u lil Clare Borg gewwa kamra ta' Lukanda fuq ix-Xatt tal-Gzira fil-pussess ta' ghaxar boroz zaghar ta' trab suspettat droga eroina b'wahda minnhom appena fuq mizien elettroniku. Il-piz totali ta' dawn il-boroz kien ta' 17.471 gramma li wara ezamijiet forensici rrizulta li kienet droga eroina. Fl-istess kamra instabu wkoll flixkun zghir tal-plastik bi ftit sustanza hadra gewwa fih, 48.3 ml, li aktar tard irrizulta li kien Methadone u tlett rollijiet ta' *aluminum foil* u bicca minn borza li kellha *mechanical fit* ma' borza minnhom li fiha kien hemm din id-droga. Instab ukoll l-ammont ta' Liri Maltin 142 ekwivalenti ghall-Euro 330.77;

4. Ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni wriet kif l-ufficcjali tal-pulizija dahlu fil-kamra tal-lukanda, mikrija lill-appellanti, fejn kienu ukoll prezenti. Hemmhekk instabet d-droga msemmija *supra* li kienet imqassma f'ghaxar pakketti zaghar b'pizijiet simili, tmienja minnhom bejn 1.761 u 1.855 grammi, ohra ta' 1.459gm u ohra ta' 1.570 gm u li *ex admissis* kienet tal-istess appellanti;

5. L-appellant Ivan Bajada xehed illi kien jahdem ma' missieru u wara li kien rega' beda johrog mal-appellanta Clare Borg marru joqghodu flimkien fil-lukanda mis-26 ta' Jannar 2003 u dan ghaliex kienu bi hsiebhom jibdew jabitaw flimkien u wara li kienu sabu flat ghal-kiri u ghamlu kuntratt ghal-kiri fit-tul, kien jonqoshom xi gimgha biex jidhlu fih u ddeciedew li jmorru jqattaw dik il-gimgha flimkien gewwa lukanda. Gurnata qabel is-sejba, huwa kien bieh xi griewi ta' klieb u peress illi kien ghaddej minn zminijiet difficli u kellu l-vizzju tad-droga ddecieda li b'dawk il-flus u bi flus l-appellanta l-ohra jixtru d-droga. Kwantu ghall-ammont ta' droga misjuba l-

appellant jghid illi ekonomikament kien jaqbillu jixtri f'ammonti kbar sabiex umbaghad iqassamha fuq medda ta' xi tlieta jew erbat ijiem. Huwa kien jahdem ma missieru u l-paga li kien jaqla' kien jonfoqha mill-ewwel. Spjega ukoll dwar il-mizien u li dan kien juzah biex jara li jkun inghata l-piz li xtara. Kwantu ghall-Methadone huwa spjega li meta kien jinghata l-Methadone fic-centru tad-DETOX, kien jobzoqha go flixkun u jahzinha f'kaz li jigi bzonnha. Huwa spjega kif id-droga kienet tappartjeni lilu u lill-appellanta flimkien. Jitfghu il-flus taghhom flimkien u jixtru kollox flimkien u ghandu vizzju kbir tad-droga tant illi dawk l-ghaxar sachettes li instabu kien jikkonsmahom flimkien ma' haddiehor fi zmien jumejn massimu tlieta. Fil-kontro-ezami l-appellant spjega li d-droga xtraha kif instabet fil-pakketti u mhux qassamha hu f'pakketti zaghar u li kien ghadu kemm xtraha siegha qabel;

6. L-appellanta xehedet illi dik id-droga kienet tappartjeni lilhom u inxtrat minn flushom it-tnejn. Hi ma tahdimx izda tghix fuq il-beneficcji socjali u fuq xi flus li forsi kien jghaddilha missierha u ghandha vizzju qawwi tad-droga;

7. Fl-assjem ta' dan il-kwadru, l-appellanti jargumentaw illi kien jispetta lill-prosekuzzjoni tispjega kif waslet ghall-konkluzzjoni li huma kienu ser jitraffikaw id-droga u jaghmlu is-segwenti domandi in rigward: *[L-Ispettur] ircieva rapport anonimu jew rapport minn persuna li identifikat ruhha? X'intqal f'dan ir-rapport? Ghalfejn il-persuna jew persuni li ghamlu r-rapport lill-pulizija (u allura dawn kellhom ikunu l-istar witnesses f'dan il-kaz) baqghu qatt ma ttellghu mill-Prosekuzzjoni sabiex jaghtu x-xhieda taghhom u fuq kollox sabiex id-difiza kien ikollha l-opportunita' taghmel il-kontro ezami lil dawn ix-xhieda, sabiex tohrog il-verita'?* Bid-dovut rigward, il-prosekuzzjoni ma kellha taghmel xejn minn dan. Il-prosekuzzjoni ma ressqitx lill-appellanti fuq traffikar ta' droga fuq allegazzjoni minn terzi *sic et simplicitur* minghajr xi forma ta' prova materjali ohra fejn allura ix-xhieda tat-

terz hija indispensabbli, izda ressqithom fuq pussess fattwali f'cirkostanzi li jqajjem is-suspett li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom;

1. L-argument li jsegwi dwar dan l-ewwel aggravju hu li l-provi tal-prosekuzzjoni jieqfu ferm 'l boghod minn dak rikjest mil-ligi, jigifieri, dak il-grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni stante li dawn il-provi huma bbazati biss fuq prezunzjonijiet u kongetturi. Jinsisti l-appellant, illi l-prosekuzzjoni ma pruvatx l-elementi ta' dan ir-reat. Naturalment kawzi ta' din in-natura u cirkostanzi dejjem jipprestaw certu diffikulta. Din id-diffikulta' kienet riskontrata diversi drabi mill-Qrati taghna u referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg tat-12 ta' Frar, 2009 iqieghed fil-perspettiva id-diversi hsibijiet tal-gudikant in rigward:

> "Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwisjtoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (igifieri ghall-uzu biss tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiter" [2.9.1999].)
>
> "Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament

raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002]). "

8. L-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-appellanti ma ggustifikawx l-ammont ta' droga misjuba u qalet illi 17-il gramma ma huwiex tali li wiehed normalment jassocja ma' uzu personali. Irragunat illi jekk l-imputati jixtru f'ammonti kbar, ma jaghmilx sens ghal min kien ibieghilhom li joqghod jizinhomlhom u jqassamomlhom f'ghaxar pakketti f'ammonti prattikmaent ugwali, imma kien jaghmel iktar sens kieku jtihom borza wahda, l-aktar tnejn, bl-ammont li jkunu ordnaw u imbaghad iqassmuhom l-imputati kif xtaqu jikkunsmawhom. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament, anzi turi thassib dwaru. X'kien jaqbel lit-traffikant li minghandu xtraw l-appellanti huwa ghal kollox estraneu ghal dawn il-proceduri. Dana kollox jiddependi min ghand min jixtru, b'liema kwantita u b'liema kondizzjonijiet. Jekk huma ordnaw ghaxar qratas u t-traffikant kien lest jakkomodahom, u jekk xtaqu borza wahda biex iqassmuha huma m' ghandux certament ikun il-fattur determinanti dwar jekk id-droga kienitx intiza ghall-uzu personali taghhom jew le;

9. L-Ewwel Qorti argumentat ukoll illi parti minn borza tal-plastic li kellha kantuniera mqatta [nieqsa] kellha mechanical fit ma' wiehed mill-qratas li juri li dawn il-qratas ma nxtrawx lesti izda saru mill-appellanti. Din l-osservazzjoni hija wahda korretta u l-appellanti ma offrew l-ebda spjegazzjoni dwar dan il-fatt; Kwantu ghal-presenza tal-mizien, l-ewwel Qorti qalet li s-sejba tal-pakkett fuq dan il-mizien turi li dawn kienu qed jintiznu wara li nxtraw u qalet li dan ma jaghmilx sens ghaliex "*jekk ghal grazzja tal-argument, l-imputat isib droga nieqsa, certament ma kienx ser jiftah kawza kontra min bieghlu bin-nieqes. L-argument tal-imputat kien ikun verosimili kieku qal li hu kien jizen id-droga* <u>*qabel*</u> *jixtriha, biex ikun cert li kellu l-piz kollu li ried,*

*qabel ihallas lill-bejjiegh. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-imputat jghidhekk : "Kif jaghtini l-borza naqbad u niccekkjaha. Lanqas kont niftaha jigifieri"".* Anke hawn, ir-ragunament tal-ewwel Qorti ma jistax jitqies li huwa wiehed logiku meta prattikament ekwiparat l-attivita' ta' bejgh tad-droga ma' transazzjoni fil-kors normali tal-hajja. X'jaghmel persuna meta jsib droga anqas minn dik miftiehma hija kwistjoni fil-mansjoni ta' bejn min ibiegh u min jixtri. Kif jirrizolvu dik il-pendenza certament ma ghandhiex tkun fattur determinanti jew indikattiv ghall-imputazzjoni odjerna. U certament li wiehed joqghod jigri barra t-triq b'mizien biex ikejjel dak li kien ser jixtri, biex f'kaz li jkun hemm gramma jew punt taghha nieqes isir rikalkolu tal-prezz jew restituzzjoni ta' dak rizultanti nieqes ma huwiex dak li jigri fir-realta f'dawn it-transazzjonijiet hafna drabi mghagglin f'hakka t'ghajn u f'postijiet li jirrazzentaw il-biza, sakemm naturalment ma tkunx saret konsenja fil-kumdita' ta' post 'l hinn minn xi suspett;

10. L-Ewwel Qorti ukoll ma accettatx il-verzjoni tal-appellanti li dak l-ammont ta' droga, 17.471-il gramma, iservihom biss jumejn jew tlieta u rragunat hekk: *"Kif inhu notorju f'dan il-qasam tad-droga, id-doza tipika tad-droga heroina hija ta' 0.2 grammi. L-imputati instabu fil-pussess ta' 17.471 grammi, li minnhom johorgu 87 doza (17.471 grammi divizi bi 0.2). Iz-zewg imputati fix-xhieda taghhom jghidu li dan l-ammont iservihom jumejn sa tlieta. Fi kliem iehor, l-imputati qed jghidu li huma jikkunsmaw 2.9 grammi kulljum (17.471 grammi divizi bi tlett (ijiem) u divizi bejn zewg (2) persuni. Dan l-ammont ta' droga kuljum, mhux kompatibbli ma' droga ghal uzu personali biss. Fil-fatt, fl-Abbozz tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ippublikat is-sena l-ohra u li bhalissa qed jigi diskuss fil-Kamra tad-Deputati, il-pussess tad-droga ipprojbita huwa ikkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun sa massimu ta' zewg (2) grammi droga, f'dan il-kaz heroina"* . Dwar dan ir-ragunament irid jinghad illi ma hemm l-ebda *hard and*

*fast rule* dwar il-kapacita ta' konsum ta' droga fil-bniedem. Kull hadd huwa soggett ghall-estremi differenti, sta ghalih imbaghad jipprova tali tolleranza;

11. Jekk, skond l-Ewwel Qorti, l-abbozz ta' ligi li ghalih ghamlet referenza, llum l-artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta, il-pussess sa massimu ta' 2 grammi droga ghandu jitqies bhala n-normal, allura l-appellanti kienu fir-raggi ta' din l-iskala jekk kellhom ikunu emmnuti li dawk jikkunsmawhom bejn jumejn u erbat ijiem. Zewg grammi kuljum jirrendu 10 dozi ta' 0.2 grammi kuljum u erbghin f'erbat ijiem kull wiehed li allura jammonta ghal-ftit anqas minn dak kalkolat mill-ewwel Qorti (87 doza) li wiehed jista jestrapola mill-17.471 grammi misjuba. Dak li l-artikolu 4 jghid hu li jekk persuna tinqabad fil-pussess ta' anqas minn zewg grammi droga pprojbita, jew tlieta punt hamsa grammi cannabis jew zewg pilloli ecstasy, tali persuna ghandha tkun soggetta ghall-process skond l-Att dwar il-Kummissarji tal-Gustizzja basta li c-cirkostanzi ma jkunux tali li wiehed jemmen li dik id-droga ma kienitx ghall-uzu personali ta' dik il-persuna;

12. Fl-ahhar konsiderazzjoni taghha l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellanti. Din l-osservazzjoni, bhat-tieni wahda taghha hija indiskutibbli. Il-finanzi tal-appellanti ma kienux jippermettu li jkunu fil-pussess ta' dak l-ammont ta' droga li sservi biss minn jumejn sa erbat ijiem meta, skond huma, huma *heavy users*. Izzid tosserva din il-Qorti illi l-appellanti jghidu li kienu ghadhom kemm ikkonkludew kuntratt ghal-kiri ta' post fit-tul. Minkejja li l-appellant Bajada jahdem u jtajjar il-paga fuq id-droga mill-ewwel u l-appellanta Borg tghix fuq ir-*relief*, kellhom flus bizzejjed biex jghixu f'lukanda ghal-dik il-gimgha u fl-istess waqt jiffinanzjaw il-vizzju taghhom, mhux biss allura ghal-dawk it-tlett ijiem izda ghall-granet l-ohra matul ix-xahar. Meta persuna tallega li hi *heavy user*, li kienet ghadha kemm bieghet xi griewi, li

kienet ghadha kemm ikkonkludiet kuntratt biex tikri fond, biex tiggustifika ghaliex qed tghix f'lukanda, jehtieg li ggib il-prova tieghu jekk verament trid li titwemmen li dak l-ammont qawwi ta' droga kien ghall-uzu personali taghha. L-appellanti mhux biss ma ressqu ebda prova izda ggustifikaw is-sejbien ta' borza li kellha *mechanical fit* ma' kantuniera ta' borza wahda mill-ghaxra kontenenti d-droga meta huma stess jghidu illi d-droga xtrawha gia maqsuma f'ghaxar pakketti;

13. Fit-tieni aggravju taghhom, l-appellanti jghidu illi dejjem kienu konsistenti fil-verzjoni taghhom u li dejjem sostnew li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv taghhom. Din il-Qorti ma tara ebda beneficcju f'dan l-argument – l-appellanti qalu hekk ghal-darba darbtejn fid-deposizzjoni taghhom u ma jfissirx b'daqshekk illi ma ghandhomx allura jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz;

14. Fit-tielet aggravju taghhom, l-appellanti jargumentaw illi l-ewwel Qorti kellha taghmel analizi tal-provi kollha flimkien u mhux fuq prova individwali, sabiex tanalizza jekk il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni isostnux l-imputazzjoni li d-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom. Isostnu l-appellanti illi l-provi indiretti li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma jwasslu ghall-konvinciment morali li kellhom l-intenzjoni li jispaccaw d-droga. Ezaminati l-atti processwali, din il-Qorti ma rriskontratx dak sollevat mill-appellant ghaliex l-Ewwel Qorti analizzat il-provi kollha fl-assjem taghhom, bil-kawteli li titlob il-ligi meta si tratta ta' xhieda ta' ko-imputati kif ukoll dawk rigward il-provi indizzjarji;

15. L-appellanti lanqas ma huma korretti meta jargumentaw illi "*F'dan il-kaz il-provi indiretti li tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-ebda mod ma jwasslu ghall-konvinciment morali li l-esponenti kellu l-intenzjoni li jispacca d-droga eroina*". Ghas-sejbien ta' htija dwar l-aggravanti fil-pussess ta' droga mhux mehtieg li ssir il-prova tal-

intenzjoni tal-ispacc. L-Ewwel Qorti korrettament iccitat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason Mallia tat-2 ta' Settembru 1999. Dik hija il-*quid juris* vigenti sal-lum, jigifieri li l-prosekuzzjoni f'kazijiet bhal dak odjern mhux mehtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova li kien hemm l-intenzjoni tal-ispacc izda huwa sufficjenti li tipprova li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu biss ta' dik il-persuna;

16. Kwantu ghal-borza tal-pastik maqtugha u b'rabta mal-argument appena konsiderat, l-appellanti jghid illi ma ngiebet ebda prova li dik il-borza kienet prodotta mill-appellant jew inxtratx lesta minn xi hadd iehor u l-fatt li kien hemm bicca plastic maqtugha minn din il-borza tfisser allura li l-borza nfethet biex tkun kkonsmata l-eroina. Fil-kamra okkupata mill-appellanti instabet ukoll borza b'kantuniera maqtuha. Instabet ukoll kantuniera ta' borza li l-espert tal-Qorti ikkonferma li kellha mechanical fit mal-borza maqtugha. Issa l-appellant irid lil din il-Qorti temmen illi dan ifisser illi l-borza infethet biex tkun kkonsmata l-eroina. Mir-ritratti mehuda mis-Scene of Crime Officers, sia l-borza kif ukoll il-kantuniera kienu jidhru mhux uzati. Forsi l-appellanti iridu lil din il-Qorti temmen li minghand min xtraw id-droga tahom ukoll dik il-parti tal-borza li minnha ttiehdet il-kantuniera?;

17. In konkluzzjoni, ghalkemm uhud mill-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti ma jidhirx li setghu iwasslu ghal-konkluzzjoni legittima u ragjonevoli, ir-rimarrenti osservazzjonijiet taghha, oltre dawk maghmula minn din il-Qorti, iwasslu ghall-konkluzzjoni illi hemm bizzejjed cirkostanzi li juru li d-droga in kwistjoni ma kienitx mahsuba ghall-uzu personali tal-appellanti. L-ewwel, it-tieni u it-tielet aggravju ghalhekk qed ikun michuda;

18. Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Iz-zewg appellanti jargumentaw illi t-trapass taz-zmien minn meta sar ir-reat, kif ukoll is-sitwazzjoni vulnerabbli taghhom li

kienu jinsabu fiha dak iz-zmien minhabba problema kbira ta' droga kellhom jinghataw aktar attenzjoni u kellhom ikunu moghtija piz akbar fl-ikkalibrar tal-piena. Issa, ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena, hlief jekk din tkun aktar jew anqas minn dik li setghet tkun erogata, din il-Qorti ezaminat l-atti ukoll mill-aspett ta' din il-lanjanza;

19. L-appellanti ma ressqu ebda prova li kienu aflitti bi problema severa ta' droga. Ghalkemm il-Qorti hija konvinta li huma jiehdu droga, kien jispetta lilhom li jressqu xi forma ta' prova tal-portata ta' din il-problema. Dan il-process kellu l-inizzju tieghu fis-sena 2003. IL-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha wara hames snin fis-sena 2008 u ma kien hemm l-ebda kontributorjeta' mill-appellanti ghal dan id-dewmien. Wara li fl-2011 l-atti ghaddew biex jinstemghu minn Magistrat iehor u wara li ghal zewg seduti ma dehritx l-appellanta u l-kawza kellha tkun differita, fit-8 ta' Frar, 2012, l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju, 2012. Wara sensiela ta' differimenti peress illi l-Ewwel Qorti kien jehtigilha aktar zmien, fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2015, kienet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza ghaliex il-Qorti innotat illi l-ammont ta' LM142 prezentati mill-ufficcjal prosekutur ma kienux ghadhom ddepozitati fil-Bank Centrali mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. U l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar, 2015. F'dik is-seduta imbaghad kienet prolatat s-sentenza appellata. Dan ifisser illi kien hemm xejn anqas minn tlett snin dewmien inutili biex tinghata din is-sentenza u kien hemm ukoll dewmien li hafna minnu ma huwiex imputabbli lill-appellanti inkluz li tressqu quddiem il-Qorti biex iwiegbu ghal dawn l-imputazzjoniijet tlett snin wara li nqabdu fil-pussess ta' din id-droga. Ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena;

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata. Tilqa' t-talba alternattiva ghal-varjazzjoni taghha billi **thassarha** f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Ivan Bajada ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin u multa ta' elfejn Euro (€2000) u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar (12) u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1000) u **tikkonfermaha fil-kumplament** fil-konfront tieghu. **Thassarha** ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanta Clare Borg ghal-perjodu ta' erba (4) snin prigunerija u ghal multa ta' tlett elef euro (€3000) u minflok tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' erbatax-il xahar (14) u ghall-multa ta' elfejn Ewro (€2000) u **tikkonfermaha fil-kumplament**.